SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IS-SITT LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU AD HOC (KONTINWAZZJONI)**

**24 ta' Awwissu, 2011**

Il-Kunsill Lokali San Ġwann iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fil-5.45 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPuis, il-Vici Sindku David Dalli, u l-Kunsilliera Rita Saliba, Anthony Mifsud Bonnici, Violet Bajada, Joan Farrugia, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef.

Kienet ukoll prezenti il-Membru Alfred Mangion f'isem ic-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara.

**APOLOGIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Hadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

L-Agent Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

Ufficcjal mill-Monitoring Unit, Dipartiment tal-Gvern Lokali

**MINUTI**

Is-Sindku Etienne Bonello DuPius ippresjeda.

a. Is-Sindku nforma lil Kunsill li r-rapport tal-Bord tal-Ghazla kien tlesta.

b. Is-Sindku semma li kien ghadu kif gie nfurmat li d-direzzjoni min-naha tad-Dipartiment fir-rigward tad-direzzjoni moghtija fid-19 ta' Lulju, 2011 fir-rigward tal-involviment tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara u li jekk dan jikkostitwix f'nuqqas ta' osservazzjoni tal-process tal-ghazla, kienet ghadha ma waslitx.

c. Is-Sindku filwaqt li qal li ghaldaqstant hu tal-opinjoni li l-Kunsill jaggorna l-laqgha sakemm ikollu tali direzzjoni u jassigura li jkun qed jimxi minghajr ksur tal-Ligi, fetah is-suggett ghad-diskussjoni.

d. Ir-rapprezentant tal-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara sahaq li l-Kunsill kellu cans bizejjed biex jiddeciedi fuq id-direttiva tad-Dipartiment li giet mibghuta fid-19 ta' Lulju, 2011.

e. Saru diversi interventi minn Membri tal-Kunsill li taw l-opinjoni taghhom dwar kif tmexxa l-process u li l-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara kien mitlub jattendi, ghalkemm dan ma jirrizultax mil-Ligi.

f. Is-Sindku spjega li fuq il-process tal-ghazla ta' Segretarju Ezekuttiv kien qabel li jkun hemm involut il-Kumitat Amministrattiv peress li s-Segretarju Ezekuttiv iservi wkoll f'dan il-Kumitat u ghalhekk li ghandhom dritt li jkollhom id-dritt li jistaqsu kif ukoll vuci fl-ghazla.

g. Saret diskussjoni ohra fir-rigward li l-Kunsill jigi pprezentat bir-rapport issa u jiehu decizjoni.

h. Is-Sindku ghalaq id-dibattitu billi pogga ghar-riflessjoni tal-Kunsill l-possibilitajiet li jezistu fejn il-Kunsill jista' jistenna ftit granet ohra jew il-Kunsill jista' jiehu decizjoni u jkun possibilment kiser il-ligi billi l-process ikun "ivvizjat" ghax ma kienx hemm involviment kif xieraq mill-Kumitat Amministrattiv.

i. Is-Sindku temm id-diskussjoni billi esprima l-opinjoni tieghu illi li ma hax risposta minghand id-Dipartiment, ma jpoggix ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Bord tal-Ghazla.

j. Kien hemm qbil unaminu mill-Membri prezenti dwar din il-proposta.

k. Fis-6.10pm s-Sindku aggorna l-laqgha ghad-29 ta’ Awwissu, kif ukoll kien se jsir ftehim dwar it-tkomplija tal-laqgha ohra, u possibliment laqgha gdida fl-istess guranta.

Konfermati, illum __________________________, 2011

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello DuPius<br>Sindku | Adrian Mifsud<br>Agent Segretarju<br>Eżekuttiv |